MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1160/2012

**MEKANIKA LIMITED** (C-3283)

vs

Paul **MAGRO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-21 ta’ Novembru, 2012 li bih is-soċjeta’ rikorrenti għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti:

(i) ssib li l-imħarrek naqas milli jwettaq l-obbligi li ntrabat bihom magħha fil-ftehim li sar bejniethom fit-30 ta’ Ottubru 2009;

(ii) ssib lill-istess imħarrek bħala debitur tagħha fis-somma ta’ tlettax-il elf, disa’ mija u wieħed u għoxrin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€13,921.97) flimkien mal-imgħax fuq dik is-somma; u
(iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha dik is-somma flimkien mal-imgħax;

Rat li r-Rikors ġie debitament notifikat lill-imħarrek bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni għall-finijiet tal-art. 187(3) tal-Kap 12, li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa’ kontumaċi;

Rat il-verbal magħmul waqt is-smigħ tal-lum mill-avukat Franco Galea li qal li kien fi ħsiebu jressaq talba biex il-Qorti tħalli lill-intimat jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Rat li l-intimat, minkejja dan kollu, ma deherx quddiemha meta ssejħet il-kawża u lanqas ingħata ħjiel tar-raġuni li fuqha ried ineħħi l-kontumaċja tiegħu;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ rikorrenti, li saħqet li l-Qorti tgħaddi għall-għoti tas-sentenza fuq il-provi li jinsabu fl-atti;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tal-imħarrek, taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) **tilqa’ l-ewwel talba** tas-soċjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-Rikors Maħluf u ssib li l-imħarrek naqas milli jwettaq l-obbligi li ntrabat bihom fil-ftehim li sar bejnu u l-kumpannija attriċi fit-30 ta’ Ottubru, 2009, u b’hekk tilef il-benefiċċju taż-żmien miftiehem f’dak il-kuntratt;

(ii) **tilqa’ t-tieni talba attriċi** u ssib li l-imħarrek għandu jagħti lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ tlettax-il elf disa’ mija u wieħed u għoxrin euro u sebgħa u disgħin

ċenteżmi (€13,921.97) li hu l-bilanċ li kien għad fadal jitħallas lilha skond l-imsemmi ftehim; u

(iii) **tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma msemmija ta' €13,921.97, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuqha b'seħħ mit-8 ta' April, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

(iv) **tordna** lill-imħarrek iħallas ukoll **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------